# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' April 2023**

**Kawza Numru: 3**
**Rikors Ġuramentat Numru:- 407/2017 JVC**

**Alexander (ID242967M) u Leonard (ID645362M) ahwa Pace**

**vs**

**Joseph Pace (ID231237M) u Andrew Pace (ID400661M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Leonard Pace ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti Alexander u Leonard Pace flimkien mal-intimat Andrew Pace huma lkoll ulied l-intimat Joseph Pace u l-mejta Carmela Pace, xebba Grima.

2. Illi omm ir-rikorrenti, u cioe', Carmela Pace mietet nhar l-14 ta' Frar 2016, kif jirrisulta mic-certifikat tal-mewt (Dok LP1)

3. Illi mir-ricerki testamentarji rrisulta testment ffirmat mid-decujus Carmela Pace datat 1 ta' Marzu 1996, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Angelo Vella, hawn anness u mmarkat Dok LP2.

4. Illi ai termini tal-Artikolu tnejn(2) tat-testment tal-1 ta' Marzu 1996 Carmela Pace ddisponiet, inter alia, bil-mod segwenti; "*it-testatrici b'eredi universali propjetarji assoluti taghha tinnomina u tistitwixxi lill-uliedha u cioe': Andrew, Ronald u Alexander ahwa Pace fi kwoti undaqs i indivizament bejniethom bis-sostituzzjoni tal-ulied u bid-dritt ta' akkrexximent bejniethom skond il-ligi*".

5. Illi minkejja danakollu, l-intimat Joseph Pace, oltre li naqas milli jitfa' dawl fuq movimenti ta' flejjes appartenenti lill-mejta Carmela Pace, rrifjuta illi jqieghed lir-rikorrenti fil-pussess tal-beni mobbli formanti parti mil-gid ta' ommhom, tant illi sahansitra nnega l-access kemm lill-istess rikorrenti kif ukoll lin-Nutar Nicolette Vella, ghall-properieta' gja' matrimonjali u cioe', 436, Joscarm, Canon Road, Santa Venera, b'dan illi qed jrendi impossibbli illi jigi mhejji inventarju ghal skopijiet ta' qasma.

6. Illi l-intimat Andrew Pace flimkien ma' martu Josette Pace ghandhom access liberu u inostakolat kif ser jirrisulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
7. Illi r-rikorrenti ghandhom kull interess illi l-gid formanti parti mill-assi ereditarji tal-mejta Carmela Pace jigi ppreservat u jibqa' inalterat, b'dan illi l-qasma tkun wahda gusta u fuq kollox, skond ix-xewqat tad-decujus.

8. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet ohra sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni tal-beni konsistenti fl-assi ereditarji tal-mejta Carmela Pace spettanti lir-rikorrenti, nkluza dik permezz ta' ittra ufficjali ppresentata fl-13 ta' Frar 2017, li jjib in-numru 551/2017, debitament notifikata, huwa baqa' inadempjenti.

9. Illi ghalhekk kellha ssir il-kawza.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, m'ghandhiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti huma rispettivament intitolati ghal-terz tal-assi ereditarji tal-mejta Carmela Pace kif intqal fuq;

2. Tistabbilixxi u taccerta l-konsistenza ta l-assi ereditarji tal-mejta Carmela Pace, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tillikwida l-assi ereditarji tal-mejta Carmela Pace u tassenja - porzjon spettanti lir-rikorrenti, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi; f'kaz ta' beni mhux kommodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna l-licitazzjoni tal-istess beni

mobbli bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji sabiex irrikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwota lilhom spettanti kif intqal fuq.

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex jirrifondi lir-rikorrenti rispettivi s-sehem taghhom fi kwalsiasi flejjes u/jew il-valur ta' beni mobbli formanti parti mill-assi ereditarji ta' Carmela Pace li seta/setghu ddisponew minnhom minghajr l-awtorizzazzjoni tal-eredi rikorrenti u dan sabiex jigi stabbilit il-valur reali tal-assi ereditarji msemmija ghall-finijiet tal-qasma.

5. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att relattiv ta' assenjazzjoni f'dik id-data, jum u hin li jigu stipulati minn dina l-Qorti, u tinnomina kuraturi deputati sabiex jippresentaw lill-eventwali kuntumaci.

Bl-ispejjes nkluzi dawk tal-ittra ufficjali nru: 551/2017, tal-mandat ta' deskrizzjoni ppresentat kontestwalment u bl-imghax legali dekorribbli mill-14 ta' Frar 2016, fejn huwa applikabbli, sal-jum tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimati Pace li taqra kif isegwi:

1. 'Illi ewwel lok jigi rilevat illi mhux kontestat illi l-atturi u Andrew Pace huma ulied id-defunta Carmela Pace, filwaqt li l-esponent Joseph Pace huwa l-armel tal-istess Carmela Pace;

2. Illi madanakollu, l-atturi iridu l-ewwel u qabel kollox jippruvaw illi dak esebit minnhom huwa in effetti l-ahhar

testment tad-defunta Carmela Pace li jikkontjeni x-xewqat tal-istess;

3. Illi fi kwalunkwe kaz, jekk ser jigi pruvat illi l-ahhar testment huwa dak ezebit mar-rikors promotur, l-esponent Joseph Pace huwa intitolat ghas-sehem riservat in kwantu zewg id-defunta Carmela Pace, u ghalhekk jehtieg illi l-atturi jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tal-porzjon riservat spettanti lill-esponent Joseph Pace;

4. Illi in oltre jigi sottomess illi l-attur Alexander Pace kellu dejn mal-esponent Joseph Pace u martu Carmela Pace in solidum bejniethom, ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (Eur 23,293.73), ekwivalenti ghal ghaxart elef Maltin (Lm 10,000), li minnhom thallsu biss is-somma ta' hamest elef ewro (Eur 5,000) wara self brevi manu u tali kreditu ghandu wkoll jidhol fil-komputazzjonijiet u likwidazzjoni tal-assi tal-mejta; l-esponent jirriserva minn issa d-dritt li jipprezenta d-dokumenti relattivi ghall-istess self;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz, dwar il-mertu tal-kawza odjerna jinghad illi l-fond fl-indirizz 436, Joscarm, Canon Road gewwa Santa Venera kien jikkostitwixxi l-fond matrimonjali tal-esponent Joseph Pace u d-defunta martu Carmela Pace u ghalhekk l-esponent Joseph Pace igawdi mill-protezzjoni li taghti l-ligi bhala l-armel ta' Carmela Pace u kwindi ghandu d-dritt illi jabita fl-istess fond vita durante;

6. Illi finalment, l-esponenti jopponu wkoll ghal-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni stante li l-esponenti deijem

ikkollaboraw u kellhom kull intenzjoni li jiftiehmu b'mod bonarju sabiex jevitaw il-litigazzjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

## DIKJARAZZJONI TA' JOSEPH PACE

**Jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma li jaf is-segwenti fatti personalment:**

**1.** Illi jien kont mizzewweg lil Carmela Pace u miz-zwieg taghna twieldu tliet ulied, Alexander, Leonard u Andrew ahwa Pace;

**2.** Illi jien u marti konna ghamilna testament flimkien skont liema konna hallejna lil xulxin bhala werrieta; madanakollu qabel ma hija giet nieqsa l-atturi bdew jghidu li ommhom kellha testament iehor f'liema hija halliet lilhom bhala werrieta taghha;

**3.** Illi jekk dan hu l-kaz, jien nifhem li dawn iridu jiehdu sehemhom, pero' llum li ghandi 80 sena ma jistghux jippretendu li nohrog minn dahri u nispicca bla saqaf fuq rasi. Fil-fatt, jien u marti konna nghixu flimkien bhala mizzewgin gewwa 436, Joscarm, Canon Road, Santa Venera li llum uliedi l-atturi jridu sehemhom minnu. Dan il-post jien u marti xtrajnih fiz-zwieg flimkien;

4. Illi nispjega illi jien u marti, fl-14 ta' Jannar 2022, konna sellifna ghaxart elef lira Maltin (Lm 10,000) lil Alexander u lill-martu Elizabeth Pace li suppost kellhom ihallsuna lura sa mhux iktar tard minn sena. Nispjega li minn dawn il-flus thallsu biss hamest elef ewro (Eur 5,000), u l-kumplament qatt ma thallsu lura lilna u fil-fatt fis-sena 2009 jien u marti anke konna morna ghand l-Avukat u ghamilna skrittura li konna qed nirrilaxxaw lil Elizabeth Pace u bqajna biss kredituri ta' Alexander Pace. Minkejja dan kollu, dawn il-bilanc dovut, sal-lum ma thallasx lura lili;'.

Rat l-affidavits, xhieda, certifikati tal-mewt, testment, ittra ufficjali, skrittura privata, dikjarazzjoni, messaggi, okkorrenzi, att t'akkuza, sentenzi, ritratti, case summary tal-Isptar Mater Dei, ittri legali, dikjarazzjoni *causa mortis*, ricerki testamentarji, stima ta' perit ex-parte, lista ta' oggetti deskritti f'mandat ta' deskrizzjoni, invoices relatati ma' funerali u ricevuti, emails, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat ir-rikors tal-intimat Joseph Pace ntavolat nhar is-7 ta' Mejju, 2018 fejn permezz tieghu talab fl-ewwel lok li jigi awtorizzat li Joseph Pace jintavola affidavit tieghu f'dan l-istadju tal-provi u tordna l-inverzjoni tal-provi limitatament ghal dan ix-xhud stante l-eta' u l-kundizzjoni ta' sahhtu u fit-tieni lok tordna li Dr Mariella Schembri Gonzi zzomm seduta jew diversi seduti skont il-kaz sabiex isir il-kontro-ezami tieghu fir-residenza tieghu jew l-isptar skont il-kaz, rat ir-risposta tar-rikorrenti li permezz taghha ddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni ghal dan ix-xhud biss li l-ordni tal-gbir tal-provi jigi invertit u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta datat 8 ta' Gunju, 2018 fejn laqghet it-talba u ordnat l-inverzjoni tal-provi limitatament sabiex 1. jigi esebit l-

affidavit ta' Joseph Pace, u, 2. issir il-kontro-ezami tal-imsemmi Joseph Pace;

Rat li fil-verbal tat-13 ta' Ottubru, 2020 gie dikjarat li kien gie nieqes l-intimat missier Joseph Pace;

Rat illi fil-verbal tal-14 ta' Jannar, 2021 Dr Sharon Mizzi ghall-intimat Andrew Pace in vista tal-fatt li kien hemm allegazzjoni tar-rikorrenti li hemm saqaf perikoluz fil-proprjeta' mertu ta' din il-kawza talbet li a spejjez tal-partijiet kollha l-Qorti tinnomina perit sabiex jikkonstata dan jekk hux minnu, il-valur tat-tiswijiet jekk fil-pozittiv u l-valur tal-immobbli minghajr it-tiswijiet allegati u bit-tiswijiet, rat li Dr Carlo Bisazza oppona ruhhu ghall-ispejjez f'dan l-istadju ghar-raguni li diga' jezisti rapport ex-parte u gie mghoddi u anki stima li se jghaddi lil kontro-parti llum stess u rat id-digriet tal-Qorti fejn laqghet it-talba u nnominat lil Perit Valerio Schembri sabiex jirrelata kif indikat f'dan il-verbal a spejjez skont l-ishma tal-partijiet;

Rat illi fil-verbal tal-14 ta' Jannar, 2021 (fol. 469) il-partijiet f'dan l-istadju fuq domanda tal-Qorti qablu li l-fond in kwistjoni bl-indirizz 436, Joscarm House fi Canon Road, Santa Venera huwa n-nofs tieghu proprjeta' tal-intimat Andrew Pace u n-nofs l-iehor terz kull wiehed bejn ir-rikorrenti u l-istess Andrew Pace;

Rat ir-rikors tal-intimat Andrew Pace ntavolat nhar l-20 ta' Jannar, 2021 fejn talab li l-Qorti tordna l-legittimazzjoni tal-atti u li l-gudizzju jigi trasfuz f'ismu u rat id-digriet tal-Qorti datat 25 ta' Marzu, 2021 fejn laqghet it-talba u ordnat il-legittimazzjoni kif mitluba;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku AIC Valerio Schembri prezentat fl-atti nhar it-30 ta' Gunju, 2021 u mahluf nhar il-5 ta' Ottubru, 2021 a fol. 484 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal datat 31 ta' Mejju, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, filwaqt li jirrizulta li l-intimati ma' prezentawx nota ta' sottomissjonijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrenti Alexander u Leonard Pace flimkien mal-intimat Andrew Pace huma lkoll ahwa wlied l-intimat Joseph Pace u l-mejta Carmela Pace li giet nieqsa nhar l-14 ta' Frar, 2016 (fol. 7). L-intimat missier Joseph Pace gie nieqes fil-mori tal-proceduri.

Ir-rikorrenti ntavolaw din il-kawza fejn qeghdin jitolbu li jigi dikjarat li huma ntitolati ghal terz tal-assi ereditarji mobbli tal-mejta ommhom Carmela Pace. Talbu li l-Qorti tistabbilixxi u taccerta l-konsistenza ta' l-assi ereditarji tal-mejta ommhom Carmela Pace u dan jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi. Bhala t-tielet talba talbu wkoll li l-Qorti tillikwida l-assi ereditarji tal-mejta ommhom Carmela Pace konsistenti fil-beni mobbli u tassenja l-porzjon spettanti lilhom u f'kaz ta' beni mhux komodament divizibbli tordna l-licitazzjoni tal-istess beni mobbli bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwota lilhom spettanti. Talbu li l-Qorti

tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex jirrifondu lir-rikorrenti rispettivi s-sehem taghhom fi kwalsiasi flejjes u/jew il-valur tal-beni mobbli formanti parti mill-assi ereditarji ta' Carmela Pace li seta'/setghu ddisponew minnhom minghajr awtorizzazzjoni tal-eredi rikorrenti u dan sabiex jigi stabbilit il-valur reali tal-assi ereditarji msemmija ghall-finijiet tal-qasma. Finalment bhala l-hames talba talbu li jigi nominat Nutar sabiex jippubblika l-att relattiv ta' assenjazzjoni f'dik id-data, jum u hin li jigi stipulat minn dina l-Qorti u tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci.

Illi l-intimati fir-risposta guramentata taghhom intavolat datata t-2 ta' Gunju, 2017 fl-ewwel lok eccepew illi mhux kontestat illi r-rikorrenti u l-intimat Andrew Pace huma wlied id-defunta Carmela Pace, filwaqt li l-intimat Joseph Pace huwa l-armel tal-istess Carmela Pace. Madanakollu eccepew illi r-rikorrenti ghandhom l-ewwel u qabel kollox jippruvaw illi dak esebit minnhom huwa in effetti l-ahhar testment tad-defunta Carmela Pace li jikkontjeni x-xewqat taghha. Bhala t-tielet eccezzjoni l-intimati eccepew illi fi kwalunkwe kaz, jekk jigi pruvat li l-ahhar testment huwa dak esebit, l-intimat Joseph Pace huwa ntitolat ghas-sehem riservat billi huwa r-ragel ta' Carmela Pace u ghalhekk ir-rikorrenti jridu jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tal-porzjon riservat spettanti lil Joseph Pace. L-intimati Joseph Pace et eccepew ukoll illi r-rikorrenti Alexander Pace kellu dejn mal-intimat Joseph Pace u martu Carmela Pace *in solidum* ta' €23,293.73 li minnhom thallsu biss is-somma ta' €5,000 wara self brevi manu u tali kreditu ghandu wkoll jidhol fil-komputazzjonijiet u likwidazzjoni tal-assi tal-mejta. Minghajr pregudizzju eccepew ukoll li fi kwalunkwe kaz, dwar il-mertu tal-kawza jinghad illi l-fond 436, Joscarm fi Canon Road, Santa Venera kien jikkostitwixxi l-fond matrimonjali tal-intimat Joseph Pace u d-defunta martu

Carmela Pace u għalhekk huwa jgawdi mill-protezzjoni li tagħti l-ligi bhala l-armel ta' Carmela Pace u kwindi għandu d-dritt jabita fl-istess fond *vita durante*. Finalment eccepew illi huma jopponu għall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni stante li dejjem ikkollaboraw u kellhom kull intenzjoni li jiftiehmu b'mod bonarju sabiex jevitaw litigji.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-Qorti tqis li huwa opportun li f'dan l-istadju bikri jigi kjarifikat li r-rikorrenti permezz ta'din il-kawza qed jitolbu unikament id-divizjoni tal-beni mobbli tad-defunta ommhom u mhux ukoll ta' dawk immobbli. Infatti jekk tinghata harsa lejn it-talbiet specjalment it-talba numru tlieta l-quddiem huwa car li d-divizjoni rikjesta hija dik tal-beni mobbli. Dan gie wkoll ikkonfermat mir-rikorrent et fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom fejn jaghmluwha cara li l-kawza hija fuq il-beni mobbli fejn iddikjaraw illi '*L-oggetti kollha mertu tal-kawza, illi huma limitati ghall-oggetti mobbli, jistghu jigu divizi fi tlett fazzjonijiet principali, u cioe', il-flus appartenenti lil Carmen Pace, id-dehebijiet u l-oggetti personali taghha.*'. Jsegwi ghalhekk li bil-kawza odjerna ser issir id-divizjoni unikament tal-beni mobbli.

**<u>L-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-intimat Joseph Pace et:</u>**

Illi permezz tal-ewwel u t-tieni eccezzjoni taghhom l-intimati eccepew illi mhux kontestat li r-rikorrenti u l-intimat Andrew Pace huma wlied id-defunta Carmela Pace, filwaqt li l-intimat Joseph Pace huwa l-armel tal-istess Carmela Pace. Madanakollu r-rikorrenti jridu l-ewwel u qabel kollox jippruvaw illi dak esebit

minnhom huwa in effetti l-ahhar testment tad-defunta Carmela Pace li jikkontjeni x-xewqat ta' l-istess.

Illi r-rikorrent Leonard Pace flimkien mal-affidavit tieghu a fol. 296 et seq tal-process prezenta kopja tad-dikjarazzjoni *causa mortis* datata 28 ta' Lulju, 2016 fl-atti tan-Nutar Nicolette Vella (fol. 304) cioe' wara l-mewt ta' ommu Carmela Pace. Anness mal-imsemmija dikjarazzjoni gew esebiti r-ricerki testamentarji kemm pubblici, kif ukoll sigrieti, minn fejn il-Qorti setghet tikkonstata li effettivament l-ahhar testment li jirregola l-wirt u successjoni tal-mejta Carmela Pace huwa dak tal-1 ta' Marzu, 1996 esebit fl-atti a fol. 5 et seq tal-process. Permezz ta' dan it-testment, kif iddikjarat tajjeb mir-rikorrenti, l-mejta Carmela Pace nnominat u istitwiet b'eredi universali proprjetarji assoluti taghha lill-uliedha kollha Andrew, Leonard u Alexander ahwa Pace. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-intimati.

**<u>It-tielet eccezzjoni tal-intimati:</u>**

Illi fit-tielet eccezzjoni l-intimati eccepew illi jekk jirrizulta li l-ahhar testment huwa dak esebit mar-rikors guramentat, l-intimat Joseph Pace huwa ntitolat ghas-sehem riservat in kwantu huwa r-ragel tad-defunta Carmela Pace u ghalhekk jehtieg li r-rikorrenti jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tal-porzjon rizervat spettanti lilu.

Ghalkemm jista jaghti l-kaz li huwa minnu li l-intimat Joseph Pace kellu dritt ghas-sehem riservat bhala r-ragel tal-mejta Carmela Pace, mill-atti processwali minn imkien ma jirrizulta li bil-prezenti kawza huwa ghamel xi kontro-talba ghal-likwidazzjoni u hlas tas-sehem riservat spettanti lilu. Ghalhekk il-Qorti ma tistax

tikkunsidra din l-eccezzjoni bhala wahda valida u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**<u>Assi mobbli in divizjoni:</u>**

Illi l-kawza odjerna saret ghad-divizjoni tal-assi mobbli li kienu jappartjenu lill-mejta Carmela Pace li giet nieqsa nhar l-14 ta' Frar, 2016 (fol. 7). Mill-atti jirrizulta li bejn il-mejta Carmela Pace u l-intimat Joseph Pace kien hemm ezistenti r-regim tal-komunjoni tal-akwisti. Ghalhekk l-assi mobbli kollha li ser jigu ndikati kienu mizmuma mill-mejta Carmela Pace fil-kwota ta' nofs indiviz (1/2). L-assi mobbli jikkonsistu fis-segwenti:

<u>(i) Mobbli li jinsabu fil-fond bin-numru 436, Joscarm f'Canon Road, Santa Venera:</u>

Illi m'huwiex ikkontestat li l-mobbli konsistenti f'ghamara misjuba fil-fond 436, Joscarm, f'Canon Road, Santa Venera huma formanti parti mill-oggetti in divizjoni. Ir-rikorrent Alexander Pace flimkien mal-affidavit tieghu a fol. 319 et seq tal-process esebixxa bhala Dok AP1 lista tal-oggetti kollha misjuba fl-imsemmi fond elenkati mill-marixxalli fl-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni bin-numru 711/2017 (ara lista a fol. 324 et seq tal-process).

Fil-mori nqalet il-kwistjoni li xi hadd illegalment dahal fil-fond 436, Joscarm, f'Canon Road, Santa Venera. L-intimat Joseph Pace permezz ta' nota prezenta kopja ta' okkorrenza datata 23 ta' Lulju, 2020 (fol. 403) minn fejn jirrizulta li l-intimat Andrew Pace kien irrapporta li bejn it-22 ta' Gunju, 2020 u t-23 ta' Lulju, 2020 xi hadd kien dahal fid-dar u kien caqlaq xi affarijiet u jista jaghti l-kaz li xi

oggetti gew misruqa. Il-Qorti m'hijiex ser tidhol fil-kwistjoni ta' jekk hux veru kinitx saret serqa jew le, dan aktar u aktar fid-dawl li la r-rikorrenti, u lanqas l-intimati ma ndenjaw jindikaw x'hemm nieqes mil-lista li saret mill-marixxalli. Li gew ezebiti fl-atti huma ghadd ta' ritratti mill-intimat a fol. 406 et seq tal-process li permezz taghhom l-intimat Joseph Pace prova juri s-sitwazzjoni li l-intimat Andrew Pace sab id-dar. Il-Qorti tinnota li hadd mill-partijiet ma ndika li kien hemm xi oggetti li gew misruqa, ghalhekk ser tqis il-lista tal-oggetti indikati mill-marixxalli fl-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni bin-numru 711/2017 bhala dawk l-oggetti in divizjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti tinnota wkoll li l-intimati fil-hames eccezzjoni eccepew illi l-fond 436, Joscarm, f'Canon Road, Santa Venera kien jikkostitwixxi l-fond matrimonjali ta' l-intimat Joseph Pace u d-defunta martu Carmela Pace u ghalhekk l-intimat Joseph Pace igawdi mill-protezzjoni li taghti l-ligi bhala l-armel ta' Carmela Pace u ghalhekk ghandu d-dritt li jabita fl-istess fond vita durante. Il-Qorti tinnota li l-intimat Joseph Pace miet fil-mori tal-kawza precizament nhar id-29 ta' April, 2020 (fol. 475) ghalhekk din l-eccezzjoni llum il-gurnata m'ghadiex applikabbli b'dan li l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

Dwar il-valur tal-oggetti mobbli fl-atti ma tressqu l-ebda provi b'dan li l-Qorti hija fl-impossibilita' li taqsam dawn l-oggetti fi tlett porzjonijiet, ghalhekk sabiex l-affarijiet jigu facilitati din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tinnomina l-irkantatur Pierre Grech Pillow ta' Obelisk Auctioneers & Valuers sabiex jaghti valur lil kull oggett misjub fil-fond 436, Joscarm, f'Canon Road, Santa Venera u fl-eventwalita' li wara li jsir il-valur ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet kif ghandhom jigu spartiti dawn l-oggetti, l-Qorti qieghda tawtorizza minn issa li l-oggetti jkunu jistghu jigu rkantati mill-

istess irkantatur Grech Pillow bir-rikavat jinqasam fi kwota ta' 1/6 lir-rikorrenti Alexander Pace, 1/6 lir-rikorrenti Leonard Pace u 1/6 lill-intimat Andrew Pace fir-rigward sehem Carmela Pace. Dwar is-sehem ta' 1/2 ta' l-intimat Joseph Pace, jirrizulta mill-atti li huwa halla bhala werriet universali lill-intimat Andrew Pace, izda l-kawza odjerna ma tinkludix talbiet dwar l-eredita' tal-missier.

<u>(ii) Deheb:</u>

Illi l-oggetti tad-deheb il-Qorti rat li fl-atti hemm zewg verzjonijiet kompletament konfliggenti. Fuq naha r-rikorrenti jiddikjaraw li l-mejta Carmela Pace kellha deheb b'valur ta' Lm30,000 tal-munita l-antika ekwivalenti ghas-somma ta' €69,881.20 filwaqt li minn naha l-ohra l-intimati jiddikjaraw li l-mejta Carmela Pace kellha biss curkett tat-tieg, gizirana u ftit fili tal-deheb.

Fuq dan il-punt ir-rikorrenti jressqu bhala prova x-xhieda ta' Helen Grima (fol. 143) li kkonfermat bil-gurament li l-mejta Carmela Pace kellha hafna deheb u kienet thobb:
'*…tilbes id-deheb ghax kienet delettanta tad-deheb.*'.

Ir-rikorrenti esebew ukoll erba' ritratti a fol. 301 u fol. 302 tal-process fejn fihom tidher il-mejta Carmela Pace tul iz-zmien f'diversi okkazzjonijiet liebsa diversi oggetti t d-deheb. Il-Qorti tinnota wkoll li r-rikorrenti jaghmlu accenn ghal fatt li l-mejta Carmela Pace kienet izzomm id-deheb taghha fi tlett (3) laned u li l-ezistenza tal-laned gie konfermat mil-lista redatta mill-marixxalli fl-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni 711/2017 (fol. 324) fejn gie ndikat is-segwenti:

'Nghid ukoll li l-istess intimat Joseph Pace indikali tlett landi indikati fil-Mandat. F'wahda minn dawn il-landi sibna ricevuta, ohra ma kien fiha xejn ta' valur u l-ohra kellha dawn l-oggetti.

1) Arlogg ta' lewn isfar tal-marka Fontemay.
2) Arlogg lewn il-fidda marka Omega.
3) Arlogg lewn il-fidda bla marka cinga disinjata.
4. Arlogg lewn tal-marka Camy.'.

Illi l-Qorti mir-ritratti esebiti, mill-provi kollha esebiti fl-atti u whud minnhom indikati fil-paragrafi precedenti, setghet tinnota li l-mejta Carmela Pace verament kienet dilettanta tad-deheb, u verament kellha ammont konsiderevoli ta' deheb li kien itella certu piz. Dan qieghed jigi senjalat billi d-deheb jigi vvalutat skont il-piz. Madanakollu gialadarba l-Qorti hija nieqsa minn tali prova ta' piz u provi aktar konkreti tal-konsistenza tal-oggetti tad-deheb u wkoll mill-ftit provi fl-atti l-Qorti ma tistax tasal ghas-somma pretiza ta' €69,881.20. Dwar dan il-punt filwaqt li l-Qorti tiddikjara li mill-provi fl-atti izda rrizulta li l-versjoni tar-rikorrenti hija dik korretta u cioe' li d-decujus kellha diversi oggetti tad-deheb liema oggetti jirrizulta' li b'xi mod tnehhew mill-intimati qabel ma l-marixxalli marru fid-dar tad-decujus, l-Qorti sejra ghalhekk tghaddi sabiex taddotta r-regola ta' l-*arbitrio boni viri* u tqis li l-valur komplessiv tad-deheb li kellha d-decujus kien ta' €30,000 liema deheb b'xi mod gie approprjat mill-intimati ad eskluzjoni tar-rikorrenti. Stante l-komunjoni tal-akkwisti allura sehem id-decujus omm huwa dak ta' €15,000.

Gialadarba d-deheb ma nstabx fil-fond 436, Joscarm, f'Canon Road, Santa Venera u nstabu biss il-landi li fihom kien mizmum id-deheb, il-Qorti temmen bi shih, wara li rat il-provi kollha fl-atti,

li d-deheb iddispona minnu l-intimat Joseph Pace jew l-intimati flimkien. Ghalhekk fic-cirkostanzi, stante wkoll li Joseph Pace llum huwa mejjet isegwi li huwa l-intimat Andrew Pace bhala werriet universali ta' missieru Joseph Pace li ghandu jaghmel tajjeb mar-rikorrenti ghal dak dovut lilhom minn sehem l-omm cioe' fis-somma ta' €10,000, sehem ir-rikorrenti.

<u>(iii) Flus il-bank:</u>

Dwar il-flus, ir-rikorrenti ngungew bhala xhud lir-rapprezentant tal-Bank HSBC Bank Malta plc fis-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2017 (fol. 26C) u dan sabiex jigi stabbilit xi flus kellha l-mejta Carmela Pace. Irrizulta li kontijiet bankarji kien hemm kemm fuq isem Carmela Pace, fuq isem l-intimat Joseph Pace, kif ukoll kongunt u sad-data tal-mewt ta' Carmela Pace kien hemm is-segwenti kontijiet:

1. kont bankarju fuq isem Joseph Pace bin-numru 027065283050 li nfetah fl-10 ta' Jannar, 2005 li fid-data tat-13 ta' Frar, 2016 kellu depositati fih l-ammont ta' €18,899.95 (ara statement a fol. 65 tal-process);

2. kont bankarju fuq isem Carmela Pace bin-numru 027081215001 li nfetah fil-5 ta' Novembru, 2001 li fid-data tal-5 ta' Marzu, 2016 kellu depositati fih l-ammont ta' €62.17 (ara statement a fol. 86 tal-process);

3. kont bankarju fuq isem Carmela Pace bin-numru 027081215050 li nfetah fil-5 ta' Novembru, 2001 li fid-data tal-5 ta' Jannar, 2016 kellu depositati fih l-ammont ta' €377.94 (ara statement a fol. 102 tal-process);

4. kont bankarju kongunt fuq isem Carmela Pace u Joseph Pace bin-numru 016268468100 li nfetah fil-25 ta' Awwissu, 2014 u nghalaq fil-26 ta' Ottubru, 2015 u cioe' qabel il-mewt ta' Carmela Pace. Mill-atti jirrizulta li dan il-kont inghalaq billi mmatura u l-ammont ta' €20,128.10 gie ddepositat fil-kont bankarju f'isem l-intimat Joseph Pace indikat fil-paragrafu 1. Ir-rikorrenti jittentaw jargumentaw li l-intimat Joseph Pace ghalaq dan il-kont b'tentattiv li jiehu l-flus fuq ismu madanakollu l-Qorti ticcara li ghalkemm huwa minnu li l-ammont gie depositat fil-kont bin-numru 027065283050 unikament fuq isem Joseph Pace l-ammont xorta sejjer jittiehed kont tieghu billi l-mejta Carmela Pace kellha nofs indiviz minnu.

Jirrizulta ghalhekk li sehem il-mejta Carmela Pace fl-intier mill-kontijiet kollha suesposti huwa dak ta' €9,670.03.

Dawn il-kontijiet bankarji ghandhom jigu zbankati u r-rikorrenti Alexander u Leonard Pace ghandhom jiehdu s-sehem ta' 1/6 kull wiehed mill-ammont ta' €9,670.03 appena ndikat.

<u>(iv) Flus id-dar:</u>

Ir-rikorrenti allegaw li l-mejta ommhom Carmela Pace kellha ammont ta' flus kontanti fil-coatijiet fil-gwardarobba. Il-Qorti tinnota li ghajr ghad-deposizzjoni taghhom, ir-rikorrenti fl-atti ma resqu l-ebda provi ulterjuri ta' flus kontanti tal-mejta Carmela Pace. Il-Qorti tirrileva li minn dak li jirrizulta r-rikorrenti kienet mara tad-dar ghalhekk zgur li flus dehlin minn paga ma kelliex. Apparti dan, jirrizulta li l-uniku introjtu li kellha Carmela Pace kienu l-ammont ta' €500 li kull certu zmien kienu jigu depositati fil-kont bankarju fuq isem Carmela Pace bin-numru 027081215050 mill-intimat Joseph Pace (ara statements a fol. 183 et seq tal-

process). Il-Qorti ma temminx li minn dak l-ammont il-mejta Carmela Pace kellha minn fejn iggemma kontanti d-dar jew almenu f'ammonti kbar. Ghaldaqstant gialadarba fl-atti ma gew ipprezentati l-ebda provi ta' flus kontanti mizmuma minn Carmela Pace u/jew minn Joseph Pace ser jigi kkunsidrat li din l-allegazzjoni ma gietx sufficjentement pruvata.

<u>(v) Hwejjeg u basktijiet:</u>

Ir-rikorrenti jaghmlu enfazi kbira u jikritikaw il-fatt li l-hwejjeg u l-basktijiet ta' ommhom Carmela Pace gew iddonati minghajr il-permess u approvazzjoni taghhom. Illi verament huwa minnu li gialadarba r-rikorrenti kienu proprjetarji ta' 2/3 minn ½ tal-hwejjeg ta' ommhom Carmela Pace allura strettament kellhom jaghtu l-permess qabel l-intimati jiddisponu mill-hwejjeg. Il-Qorti izda ma temminx li l-valur ta' tali hwejjeg kien wiehed ezorbitanti dan ghaliex mill-provi li tressqu l-mejta Carmela Pace ma kinitx xi persuna li kienet tixtri hwejjeg ta' marki rinomati li jibqghu jgibu hafna flus anke meta jkunu ta' *seconda mano*. Ghalhekk in kwantu l-valur il-Qorti ma temminx li dawn il-hwejjeg uzati ta' dan it-tip seta' kellhom xi valur aktar u aktar ikkunsidrat li fl-atti m'hemmx prova tal-kwalita' taghhom. Wisq anqas tressqu provi dwar xi 'handbags' tad-ditta li seta' kellhom valur gholi.

<u>(vi) Karozza tal-ghamla Daihatsu:</u>

Fl-atti tressqu provi sufficjenti dwar l-ezistenza ta' vettura tal-ghamla Daihatsu li jirrizulta li nxtrat fis-26 ta' Ottubru, 2015 u dan billi mill-istatement bankarju a fol. 58 tal-process hemm indikat li ngibed l-ammont ta' €2,000 sabiex inxtrat vettura. Carmela Pace mietet fl-14 ta' Frar, 2016 ghalhekk il-vettura nxtrat meta kienet ghadha ezistenti l-komunjoni tal-akwisti.

M'hemmx qbil dwar il-valur, apparti li l-valur inbidel minn dak indikat mill-partijiet. Ghalhekk il-Qorti tqis li dan ghandu jigi stabbilit aktar vicin id-data tal-bejgh b'dan li l-Qorti qieghda tinnomina l-irkantatur Pierre Grech Pillow ta' Obelisk Auctioneers & Valuers sabiex jaghti valur lill-imsemmija vettura u fl-eventwalita' li wara li jsir il-valur ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet kif ghandha tinbiegh din il-vettura l-Qorti qieghda tawtorizza minn issa li l-vettura tigi rkantata mill-istess irkantatur Grech Pillow. Mir-rikavat ir-rikorrenti ghandhom jircievu 1/6 kull wiehed.

(vii) Dejn dovut lill-komunjoni tal-akwisti:

Illi mill-atti rrizulta wkoll u mhux kontestat li r-rikorrenti Alexander Pace ghandu jaghti lill-konjugi Pace l-ammont ta' €18,293.73. Dan l-ammont jirraprezenta self brevi manu moghti mill-genituri tieghu lir-rikorrenti Alexander Pace flimkien ma' martu Elizabeth Pace permezz ta' skrittura privata datata 14 ta' Frar, 2002 (ara kopja tal-iskrittura a fol. 24 tal-process). Sussegwentament jirrizulta li r-rikorrent Alexander Pace kien assuma d-dejn wahdu hekk kif jidher mid-dikjarazzjoni datata 13 ta' Mejju, 2009 (fol. 23A). L-intimat Joseph Pace jikkonferma wkoll li mis-somma ta' €23,293.73 kienet thallset lura lilu s-somma ta' €5,000 biex b'hekk ghad baqa bilanc ta' €18,293.73 (ara ri-ezami a fol. 230 et seq tal-process).

Jirrizulta li n-nofs indiviz tal-ammont ta' €18,293.73 u cioe' €9,146.87 ghalkemm huwa dejn ghandu xorta jigi spartit bejn il-partijiet biex kull parti ossia Alexander Pace nnifsu, Leonard Pace u Andrew Pace jmisshom l-ammont ta' €3048.96 kull wiehed minn sehem l-omm.

Ir-rikorrenti Leonard Pace u l-intimat Andrew Pace ghandhom dritt ta' rivalsa kontra r-rikorrent Alexander Pace ghar-ripresa tal-ammont spettanti lilhom mill-wirt u successjoni ta' ommhom Carmela Pace izda fil-kawza odjerna ma saret l-ebda talba sabiex din il-Qorti tordna l-hlas tal-istess.

(viii) Spejjez tal-funderal tad-decujus Carmela Pace:

Fl-atti gew esebiti rcevuti relatati mal-ispejjez tal-funeral ta' Carmela Pace a fol. 462 u 463 tal-process fis-somma globali ta' €2444. Ma giex kontestat li dawn thallsu mill-intimat missier Joseph Pace li llum gie nieqes u l-uniku werriet tieghu huwa l-intimat l-iehor. Din is-somma hija dejn tal-eredita ta' Carmela Pace w'ghalhekk huwa dovut mir-rikorrenti terz kull wiehed minn din is-somma lill-intimat Andrew Pace li dahal fiz-zarbun ta' missieru. Ghalhekk is-somma ta'€814.66 kull rikorrent ghandha titnaqqas mis-somma li qed tigi dikjarata dovuta mill-intimat Andrew Pace lir-rikorrenti rapprezentanti l-valur tad-deheb fl-eredita'.

L-ispejjez l-ohra li taghhom giet prezentata l-ircevuta jirraprezentaw spejjez relatati mal-proprjeta' mmobbli u spejjez tal-funeral tal-istess intimat li ma jaqawx fil-komputazzjoni tal-assi mobbli li qed issir llum mill-Qorti odjerna.

**<u>Ishma tal-partijiet:</u>**

Illi mill-atti jirrizulta li hemm qbil bejn il-partijiet li l-mobbli kollha kienu mizmuma fi kwota ta' nofs indiviz bejn l-intimat Joseph

Pace li llum dahal fiz-zarbun tieghu l-intimat Andrew Pace u l-mejta Carmela Pace.

Dwar sehem Carmela Pace u cioe' dak ta' nofs indiviz mill-mobbli kollha, r-rikorrenti Alexander Pace, Leonard Pace u Andrew Pace ghandhom is-sehem ta' 1/6 kull wiehed. Ghalhekk il-Qorti m'ghandiex ghaliex issib diffikulta' li tiddikjara li l-partijiet ghandhom il-kwota ta' 1/6 indiviz mill-mobbli kollha.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati biss izda sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrenti Alexander Pace u Leonard Pace huma ntitolati ghal terz tal-assi ereditarji tal-mejta ommhom Carmela Pace;

3. Tilqa' t-tieni talba u tistabbilixxi l-konsistenza ta' l-assi ereditarji mobbli tal-mejta Carmela Pace f'dawk indikati fis-sezzjoni '**<u>Assi mobbli in divizjoni:'</u>**;

4. Tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-assi ereditarji tal-mejta Carmela Pace u tassenja l-kwota ta' 1/6 kull wiehed lir-rikorrenti Alexander Pace u Leonard Pace mill-oggetti mobbli kollha ndikati fis-sezzjoni '**<u>Assi mobbli in divizjoni:'</u>** u fir-rigward dawk il-mobbli li m'humiex komodament divizibbli konsistenti fl-ghamara u l-karozza

tal-ghamla Daihatsu l-Qorti, hekk kif gia ndikat aktar il-fuq, tinnomina lill-irkantatur Pierre Grech Pillow ta' Obelisk Auctioneers & Valuers sabiex jaghti valur lil kull oggett misjub fil-fond 436, Joscarm, f'Canon Road, Santa Venera (kif elenkati fil-mandat ta' deskrizzjoni) u lill-vettura tal-ghamla Daihatsu u konsegwentement fl-eventwalita' li wara li jsir il-valur ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet kif ghandhom jigu spartiti fi zmien ghoxrin (20) jum minn meta ssir tali valutazzjoni mill-espert nominat, l-Qorti qed tordna li l-irkantatur nominat jghaddi sabiex itella' b'irkant l-istess oggetti u r-rikavat jinqasam kif gia deciz aktar il-fuq f'din id-decizjoni. L-ispejjez tal-irkantatur nominat ghandhom jigu sopportati mill-partijiet skont is-sehem rispettiv fl-eredita' kemm tal-omm in kontestazzjoni fil-kawza odjerna u tal-missier Joseph Pace li rrizulta li halla bhala eredi universali lill-intimat l-iehor Andrew Pace.

5. Tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lill-intimat Andrew Pace, billi llum dahal ukoll fiz-zarbun ta' missieru Joseph Pace, sabiex jirrifondi lir-rikorrenti Alexander Pace u Leonard Pace is-somma ta' hames'telef Ewro (€5,000) kull wiehed rapprezentanti s-sehem taghhom mid-deheb formanti parti mill-assi ereditarji mobbli tal-mejta Carmela Pace dan izda wara li mis-somma ta 'hamest'elef Ewro (€5,000) dovuta lill-kull rikorrent titnaqqas is-somma ta' €814.66 kull rikorrent dovuta mir-rikorrenti lill-intimat Andrew Pace rapprezentanti sehemhom mill-ispejjez tal-funeral tal-omm Carmela Pace.

6. Tichad il-hames talba billi m'hemmx il-htiega ta' Nutar u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba ghandhom ikunu fil-kwota ta' 1/3 kull wiehed, salv ghall-ispejjez tal-Perit Tekniku Valerio Schembri li ghandhom jigu sopportati 4/6 mill-intimat u 2/6 mir-rikorrenti u bl-imghax legali fuq l-ammont rapprezentanti sehem ir-rikorrenti mid-deheb jibda' jiddekorri mil-lum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' April, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**27 ta' April, 2023**